# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

---

**Illum 25 ta' Frar 2021**

Appell numru 222 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Simon VASSALLO**

Il-Qorti rat is-segwenti :

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-7 t'Ottubru 2020 fil-konfront ta' Simon VASSALLO, karta tal-identità bin-numru 48475M li ġie mixli (in suċċint) talli bejn ix-xahar ta' Lulju 2019 u Settembru 2019 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda naqas milli jagħti lil Ruth Vassallo is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bħala manteniment

għal uliedu jew għal martu fi żmien ħmistax il-jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew il-kutnratt kellha titħallas dik is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat li fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2020 l-Uffiċjal Prosekutur kienet ippreżentat referta negattiva tal-parte civile u li din, wara li ġiet imsejħa diversi drabi baqgħet ma dehritx, semgħet lid-Difiża titlob li l-imputat jiġi liberat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li dik il-Qorti rat li l-parte ċivile baqgħet ma dehritx, iddikjarat il-proċediment eżawrit.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata wara li stqarret li r-reat li bih l-appellat ġie mixli kien proċedibbli *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva :

   i. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet legalment żbaljata meta hija għaddiet għas-sentenza tagħha u ddikjarat il-proċediment eżawrit u dan peress li l-parte civile kienet sempliċiment xhud tal-Prosekuzzjoni li għalkemm mhux notifikata, in-nuqqas tan-notifika tagħha ma kienx attribwibbli għal xi nuqqas da' parti tal-Prosekuzzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha mezzi oħra kif setgħet taċċerta l-preżenza tal-parte civile. Stante li l-parte civile kienet xhud indispendabbli għall-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) kellha taġġorna s-smiegħ tal-kawża għal data oħra u tieħu l-provvedimenti meħtieġa biex tassigura l-preżenza tagħha.

ii. Apparti minn hekk fl-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali ma hemmx li f'kawża sommarja l-provi għandhom jinstemgħu f'seduta waħda biss. Minkejja li l-kawżi ma għandhomx jitwalu inutilment, il-liġi ma tispeċifikax li kull prova trid tinstema' bilfors f'darba; daqskemm l-anqas mill-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżulta li bil-fors is-sentenza trid tingħata dakinhar stess li tinstema' l-kawża.

iii. Inoltre, x-xiehda tal-parte civile ma kienetx l-unika prova f'dan il-każ. Kien hemm ukoll l-affidavit ta' PC629 A Schembri. Il-Qorti kellha għalhekk tieħu konjizzjoni ta' din il-prova li tresqet mill-Prosekuzzjoni.

iv. Is-sentenza kif formulata kienet ukoll żbaljata fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha semmai tillibera lill-appellat u mhux tiddikjara l-proċediment eżawrit. Din il-formula setgħet tiġi adoperata f'dawk il-każijiet fejn isseħħ ċirkostanza li twassal għall-estinzjoni tal-azzjoni kriminali. F'dan il-każ ma kienx hemm tali estremi.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u rat l-atti kollha tal-kawża;

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

5. Illi f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali għandha, in parti, raġun.

6. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Ġenerali meta tgħid li f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tipproċedi bid-determinazzjoni tal-kawża fl-istess seduta. Fil-fatt, l-Avukat Ġenerali, stranament, tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-appella kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Sammut sive Peter Ferdinans** tat-23 ta' Settembru 2002 fejn il-Prim'Imħallef Vincent de Gaetano kien spejga bl-aktar mod ċar il-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ fejn xhud tal-Prosekuzzjoni jkun baqa' mhux notifikat u ma jkunx deher biex jixhed fi proċediment sommarju u fejn allura waħda mit-toroq li għandha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija preċiżament dik li tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża matul l-istess udjenza.

7. Jibda' biex jingħad li huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li x-xiehda li jkunu mħarkin biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fi proċedimenti sommarji jkunu notifikati bit-taħrikiet tax-xiehda. Dan id-dmir joħroġ b'mod ċar mill-artikolu 365(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid :

   > 365.(1) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha tħarrek ix-xhieda, bil-miktub, biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sew għall-akkuża kemm ukoll għall-imputat.

8. Dan ir-rwol ċentrali u esklussiv tal-Pulizija Eżekuttiva ma jinbidelx minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif kienet presjeduta hija Qorti skedata ai fini ta' notifika t'atti ġudizzjarji ai termini tal-Avviż Legali 335 tal-2014. L-obbligu impost fuq il-Pulizija Eżekuttiva bl-artikolu 365 tal-Kodiċi Kriminali jibqa' fis-seħħ minkejja li f'dan il-każ il-proċedura tan-notifika kienet issegwi dak li jipprovdi l-Avviż Legali

335 tal-2014 (Liġi Sussidjarja 9.22) fejn fir-regolament 11 tiegħu jgħid :

> 11.Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, in-notifika tal-attiġudizzjarji kollha ppreżentati jew maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Pulizija Eżekuttiva għandhom isiru mill-uffiċjali tal-Pulizija u, jew mill-uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Posta, u, jew mill-uffiċjali tal-komunità, u, jew, minn kwalunkwe korp jewpersuni oħra inkarigati bin-notifika bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jew regolamenti oħra magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew xi liġi oħra skont id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 6.

U dan mhux biss għax dan huwa regolament maħruġ taħt il-Liġi prinċipali, ossija l-Kodiċi Kriminali iżda wkoll għaliex l-istess Avviż Legali fir-regolament 17 iżid jgħid li :

> 17.Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jinftiehem bħala li hu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali.

U għalhekk anke jekk skont dawn ir-regolamenti

> "uffiċjal" tfisser uffiċjali tal-Pulizija, uffiċjali tal-Uffiċċju tal-Posta, uffiċjali tal-komunità u kull korp jew persuna oħrainkarigata bin-notifika tal-atti ġudizzjarji bis-saħħa ta' dawn ir-regolament jew ta' xi regolamenti oħra magħmula taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, jew kull liġi oħra;

Xorta waħda jibqa' l-fatt li l-obbligu tan-notifika tal-atti ġudizzjarji nonche s-sorveljanza u l-assikurazzjoni tat-twettieq tan-notifika ta' atti ġudizzjarji[1] - **<u>qabel ma jibda' s-smiegħ tal-kawża</u>** - tibqa' responsabbilta tal-Pulizija Eżekuttiva bis-saħħa ta' disposizzjoni espliċita tal-Kodiċi Kriminali stess.

9. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni – fil-persuna tal-adetti tal-Pulizija Eżekuttiva preposti għal dak l-irwol - trid tieħu rwol attiv biex tassigura li x-xiehda jkunu notifikati biex jidhru biex jixhdu fis-seduti

---

[1] Li skont l-istess regolamenti "att ġudizzjarju" tfisser kull att jew ordni magħmul bil-miktubmill-Qorti tal-Maġistrati, il-Pulizija Eżekuttiva jew awtoritàkompetenti oħra fi proċeduri skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u jinkludi t-taħrika tal-persuna akkużata, taħrika ta'xhud u affidavit kif ukoll kull dokument li għandu jiġi sottomessbħala evidenza fl-istess proċeduri.

**fi żmien utli qabel ma tissejjaħ il-kawża għas-smiegħ tagħha fid-data u l-ħin appuntati mill-Qorti tal-Maġistrati**.

10. Din il-Qorti tifhem li dan huwa dmir li xi drabi jista' jkun oneruż fuq il-Pulizija Eżekuttiva. Iżda jekk dan id-dmir ma jitwettaqx b'mod rigoruż, jispiċċa biex il-proċeduri penali quddiem il-Qrati tal-Maġistrati - li minn natura tagħhom jeħtieġu diliġenza u speditezza partikolari fit-twettieq tagħhom - ma jkunux jistgħu jibqgħu immexxija verament b'mod **sommarju**.

11. Tabilħaqq, hemm diversi riferenzi fil-Kodiċi Kriminali fejn dawk il-kawżi li jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'mod partikolari fil-kompetenza oriġinali tagħha fit-termini tal-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali, jiġu riferiti bħala proċeduri jew proċedimenti sommarji; u dan ukoll sabiex jiġi wkoll distinti mill-proċedimenti solenni quddiem il-Qorti Kriminali [2] F'dawn il-proċedimenti sommarji il-Qrati tal-Maġistrati bħala Qrati ta' Ġudikatura Kriminali għandhom, kemm jista' jkun, jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi fdati lilhom fl-istess jum.

12. L-artikoli 375 u 377 tal-Kodiċi Kriminali jagħtu biżżejjed indikazzjonijiet biex wieħed raġonevolment jifhem li l-ispirtu tal-Liġi hija dik li dawn il-kawżi – in kwantu sommarji - jiġu mismugħa, trattati u deċiżi fl-istess jum. Din l-interpretazzjoni hija wkoll imsaħħa bil-posizzjoni ġurisprudenzjali konsolidata fejn ġie deċiż li l-Qrati ta' Kriminali Ġudikatura għandhom jirregolaw u jikkontrollaw rigorożament id-differiment fi proċedimenti kriminali.[3] Inoltre dawn id-differimenti jingħataw biss meta jkun hemm raġuni valida u mhux

[2] Ara wkoll f'dan is-sens obiter fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Diego Grixti** tal-1 ta' Diċembru 2008.
[3] **Il-Pulizija vs. Mario Gauci** mogħtija fid-9 ta' Marzu 1992.

għalxejn. Dan ġie mistqarr ukoll fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Margaret Urry** tas-17 t'April 2001 fejn ingħad ukoll is-segwenti :

> Hu appena necessarju jinghad li differimenti bla raguni valida, specjalment f'kawzi sommarji, minbarra li jaghmlu hsara ghax il-provi ma jibqghux friski f'mohh ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joholqu inkonvenjent ingust ghal, dawk ix-xhieda li ripetutament jigu mharrka ghalxejn.

13. Biss il-ġurisprudenza tifhem ukoll li għalkemm din hija l-posizzjoni li għandha tiġi segwita bħala regola, ma jfissirx li, biex issir Ġustizzja, ma jistax ikun hemm xi eċċezzjonijiet. Iżda eċċezzjoni trid tibqa' eċċezzjoni ma tiġix bil-prassi mibdula fir-regola!

14. Hekk per eżempju, jekk wieħed jieħu l-każijiet fejn

(i) il-proċediment ikun sommarju u

(ii) mmexxi *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva,[4]

il-ġurisprudenza tagħmel distinzjoni bejn dawk il-każijiet fi proċedimenti sommarji fejn xhud ikun ġie notifikat biex jixhed għal meta xhud ma jkunx ġie notifikat biex jixhed u fiż-żewġt ċirkostanzi dan ix-xhud ma jidherx biex jixhed fid-data u l-ħin ta' meta tkun ġiet appuntata s-seduta.

15. Fil-każ fejn ix-xhud ikun ġie notifikat bit-taħrika tax-xhieda u minkejja dan huwa ma jidherx biex jixhed fid-data u l-ħin ta' meta tkun ġiet appuntata s-seduta, il-ġurisprudenza ma tridx li l-Qorti tal-Maġistrati tagħżel tieħu t-triq il-qasira u tqis li n-nuqqas ta' dehra tax-xhud – anke jekk dan ikun xhud interessat – bħala nuqqas t'interess fil-proċeduri u b'hekk tillibera lill-imputat fuq talba tad-Difiża għall-

[4] Allura l-istragrande maġġoranza tal-każijiet kollha li jiġu prosegwiti quddiem il-Qrati tal-Maġistrati.

liberazzjoni tiegħu minħabba li dan ix-xhud jibqa' ma deherx. Din mhix il-posizzjoni korretta fil-każ ta' proċediment sommarju mmexxi ex officio mill-Pulizija Eżekuttiva. Dan jirriżulta b'mod ċar minn dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Margaret Urry** aktar il-fuq imsemmi fejn ingħad hekk:

> 1) Din il-kawza kienet giet istitwita bhala kawza tal-Pulizija u mhux bhala kawza privata – kif jidher car mill-komparixxi – u kienet ukoll giet prosegwita mill-Pulizija ex officio u mhux mill-parti offiza, kif jirrisulta mill-occhio ta' kull verbal u anke tas-sentenza ("Il-Pulizija v. Margaret Urry" u mhux "Veronica Caruana v. Margaret Urry"). Konsegwentement kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 375 tal-Kodici Kriminali u mhux dawk ta' l-Artikolu 374.
> (2) Il-partijiet f'din il-kawza kienu l-Pulizija Ezekuttiva u l-imputata Urry. Kellha kemm kellha interess Veronica Caruana, hija kienet semplicement xhud tal-prosekuzzjoni, f'dan il-kaz tal-Pulizija Ezekuttiva. Kif din il-Qorti kellha okkazzajoni tfisser fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Pierre Schembri, "…meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (Art. 441(4) u 525(1)(a) tal-Kap. 9). Dan necessarjament jimplika li l-qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le! Anqas ma hu argument validu dak li jigi spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri u cioe` li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-qorti ghandha tibqa' ghaddejja u, kif spiss jigri u kif gara f'dan ilkaz, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet – ilprosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-Art. 373, loffiz/kwerelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu ta' kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu…"

16. Kien hekk ukoll li dik il-Qorti fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Sammut sive Peter Ferdinans** kienet iddeċidiet li :

> Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u filgurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih (u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni f'xi stadju rrinunzjat ghall-

Ispettur Cordina), il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.

17. Jiġifieri anke l-ġurisprudenza tammetti sitwazzjonijiet fejn fi proċedimenti sommarji jistgħu jingħataw differimenti – iżda biss jekk dawn ikunu meħtieġa sabiex isir twettieq rett tad-dettami tal-Liġi u tal-Ġustizzja. Il-Prosekuzzjoni f'dak il-każ tkun wetqet l-obbligi tagħha, inter alia billi tara li xhud ikun debitament notifikat għas-seduta fi żmien utli u li għalhekk ma tkunx naqset mill-obbligi tagħha. Ladarba l-Prosekuzzjoni tkun wetqet l-obbligi tagħha, ikun jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li ma tippremjax lix-xhud li ma jkunx deher (mingħajr raġuni valida fid-Dritt), jekk mhux ukoll lil dak l-imputat li forsi ma jkunx jaqbillu li dak ix-xhud debitament imħarrek u li jkun għalhekk li jkun talab il-liberatorja, billi jew tiddikjara l-proċediment eżawrit jew inkella tillibera lill-imputat minħabba n-nuqqas ta' dehra u deposizzjoni ta' tali xhud. F'dan il-każ ikun hemm lok għalbiex il-Qorti tal-Maġistrati - wara li l-Prosekuzzjoni tkun ivverbalizzat li tkun teħtieġ lil dak ix-xhud partikolari biex isaħħaħ il-każ tal-Prosekuzzjoni - tilqa' talba għal differiment minn naħa tal-Prosekuzzjoni sabiex dan ix-xhud ikun jista' jinġieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest. Naturalment jekk il-Prosekuzzjoni (jew il-parte civile skont il-każ) tirrinunzja espressament għal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx tal-fehma li x-xhud ma jkunx indispensabbli biex isaħħaħ l-imputazzjoni, u jekk l-interessi tal-ekonomija u l-ispeditezza tal-Ġudizzju jkunu hekk jippermettu, allura imbagħad il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi mod ieħor. Iżda din l-aħħar opzjoni tibqa' dejjem l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

18. Mill-banda l-oħra fil-każ ta' proċediment sommarju immexxi *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva fejn ix-xhud in kwistjoni ma jkunx ġie notifikat u l-anqas ikun deher biex jixhed fid-data u l-ħin imsejħin mill-Qorti għas-smiegħ tal-kawża, l-appell kriminali **Peter Sammut sive Peter Ferdinans** ikompli jgħid li :

> Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni (bhalma kien l-Ispettur Cordina f'dan il-kaz) ma jidhirx u (i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew (ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza (Art. 377(1), Kap. 9).

19. Jiġifieri jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qagħda li tippreżenta referta ta' xhud; jew jekk il-Prosekuzzjoni tippreżenta referta negattiva ta' xhud u dan in-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli għal xi nuqqas da parti tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tista' tibqa' għaddejja bis-smigħ tal-kawża u, jekk ma jkunx hemm raġuni oħra għal differiment, tista' wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza.

20. Dan in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tippreżenta referta negattiva ta' xhud jista' jkun attribwibbli għal nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Pulizija Eżekuttiva li tara li – fi żmien utli qabel is-seduta – jkun sar dak kollu meħtieġ – inkluż li jittieħdu l-proċeduri l-oħra kollha preposti mill-Liġi sabiex persuna tkun tista' tiġi notifikata. Issa jekk kien hemm żmien biżżejjed biex dawn il-proċeduri jkunu jistgħu isiru, iżda l-Pulizija Eżekuttiva tkun naqset, fiż-żmien li jkollha għad-disposizzjoni tagħha li tagħmel dan – bħal meta jkun hemm trapass ta' xhur konsiderevoli bejn id-data ta' meta l-kawża tkun ġiet appuntata mill-Qorti u d-data ta' meta t-tentattiv ta' notifika jkun jirriżulta negattiv – allura f'dak il-każ, in-nuqqas ta' notifika tax-xhud jista' jitqies li jkun attribwibbli għal nuqqas t'azzjoni da parti tal-

Pulizija Eżekuttiva b'mod li dan jagħti lok lil dik il-Qorti tal-Maġistrati li, minħabba dik in-nuqqas t'azzjoni tkun tista' tordna li jitkompla s-smiegħ tal-kawża u, jekk ma jkunx hemm raġuni oħra għal differiment, tista' wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza.

21. Iżda jekk dak in-nuqqas ta' notifika ma jkunx dovut għal nuqqas tal-Prosekuzzjoni – bħal per eżempju jekk ma jkunx hemm żmien biżżejjed bejn id-data tal-appuntar tas-seduta u żmien utli biex xhud ikun jista' jiġi notifikat billi jsir użu mill-proċeduri preposti mill-Liġi għal notifikat minħabba nuqqas ta' *tempi tecnici* allura f'dak il-każ ma jkunx jista' jingħad li n-nuqqas ta' notifika tax-xhud tkun dovuta għal nuqqas da parti tal-Pulizija Eżekuttiva. F'każijiet bħal dawn il-Qrati tal-Maġistrati għandhom jagħtu żmien biżżejjed lill-Prosekuzzjoni biex ikunu jistgħu jwetqu fih l-obbligu tan-notifika ta' atti ġudizzjarji. F'każijiet eċċezzjonali bħal dawn il-Qrati tal-Maġistrati jkunu jistgħu jagħtu differiment għalbiex in-notifika ta' atti ġudizzjarji tkun tista' titwettaq skont il-Liġi.

22. Issa f'dan il-każ jirriżulta li ċ-ċitazzjoni oriġinali kienet inħarġet f'data injota li pero ġiet appuntata għas-6 ta' Lulju 2020 fid-0900. Jidher li l-ewwel tentattiv ta' notifika tax-xhud Ruth Vassallo kien sar fit-3 ta' Frar 2020 fl-1033 u l-ieħor kien sar fl-4 ta' Frar 2020 1252. Dawn it-tentattivi ta' notifika jirriżultaw fin-negattiv. Mill-atti ma jirriżutlax jekk is-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 fid-0900 ssejħitx in kwantu huwa nieqes il-verbal tas-seduta. Biss ma jirriżultax mill-atti li wara dawk iż-żewġt tentattivi ta' notifika kienetx ġiet segwita l-proċedura skont l-Avviż Legali 355 tal-2014 għan-notifika skont ir-regolament numru 8 tal-istess Avviż Legali.

23. Jidher pero li dan ma seħħx in kwantu a fol 6 hemm il-verbal tas-seduta tas-7 t'Ottubru 2020 mnejn huwa verbalizzat li l-Uffiċjal Prosekutur ippreżentat referta negattiva tal-parte civile. Fil-fatt a fol 7 u 8 tal-proċess hemm l-ordni ta' notifika ta' xhud b'timbru datat 28 t'Awissu 2020 għas-seduta tas-7 t'Ottubru 2020 fl-1000. Fiċ-ċertifikat tan-notifika hemm notamenti bil-linka blu, illeġibbli, fejn l-unika indikazzjoni li tista' tinftiehem kienet id-data tad-29 ta' Settembru 2020 fejn probabbilment, il-kuntistabbli adett minn din in-notifika għamel it-tentattiv (uniku) ta' notifika li rriżulta fin-negattiv in kwantu l-kaxxa li tindika n-notifika ma ġietx ittikkjata.

24. Bid-dovut rispett, dawn ir-riżultanzi proċesswali bl-ebda mod ma jserħu ras din il-Qorti li l-Prosekuzzjoni kienet b'xi mod proattiva kemm fit-twettieq tan-notifika tal-att ġudizzjarju jew almenu fis-sorveljanza li dan jiġi mwettaq skont il-Liġi. Din il-Qorti jidhrilha li kien hemm żmien utli biżżejjed biex il-Prosekuzzjoni setgħet tara li t-taħrika tax-xhud titwettaq b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fil-Liġi. Dan ma seħħx u dan in-nuqqas kien dovut għall-Prosekuzzjoni.

25. Mistqarr dan, din il-Qorti tqis li l-argument tal-Avukat Ġenerali li x-xhud de quo kienet xhud importanti jekk mhux indispensabbli għall-Prosekuzzjoni jistona bil-kbir mal-mod biered kif jirriżulta li sar it-tentattiv ta' notifika ta' din ix-xhud f'dan il-każ. Meta x-xhud ikun importanti jekk mhux ukoll indispensabbli għall-Prosekuzzjoni, din kellha turi ftit aktar żelu fit-tentattivi ta' notifika ta' dan ix-xhud. Meta x-xhud in kwistjoni jkun xhud indispensabbli għall-Prosekuzzjoni jkun aktar u aktar meħtieġ li l-Prosekuzzjoni tissorvelja b'mod attiv u proattiv li dan ix-xhud ikun ġie notifikat fi żmien utli **<u>qabel id-data tas-smiegħ tal-kawża</u>** biex dakinhar tas-smiegħ tal-kawża dan ix-

xhud ikun jista' jinstema' u l-kawża tkun tista' tiġi deċiża mingħajr dewmien.

26. Jiġifieri f'dan il-każ, meqjusa dawn il-prinċipji legali, ġurisprudenzjali u fattwali applikati għal dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) **setgħet kienet** legalment u raġonevolment korretta tikkonkludi li f'dawn il-proċeduri sommarji, meħuda mill-Pulizija *ex officio*, fejn ix-xhud ma kienetx ġiet notifikata, setgħet **tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża**. Iżda mill-atti jirriżulta li dik il-Qorti ma għamlitx eżattament dan.

27. L-Avukat Ġenerali għandha raġun tilmenta li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għażlet li ma tiddifferix l-udjenza u li tibqa' għaddejja bis-smiegħ tal-kawża, hija xorta ma setgħetx tiddeċiedi li dak il-proċediment kien jista' jitqies proċediment eżawrit minħabba n-nuqqas ta' dehra ta' xhud parte civile.

28. F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha s-setgħa li - fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni tkun naqset milli tinnotifika x-xhieda tagħha għal dik is-seduta - tibqa' għaddejja bis-smigħ tal-kawża u, jekk ma jkunx hemm raġuni oħra għal differiment, tista' wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza.

29. Tgħaddi għas-sentenza ma jfissirx li dik il-Qorti trid bilfors tgħaddi biex tillibera lill-imputat. Tfisser li dik il-Qorti tkun tista' tibqa' għaddejja bis-smigħ tal-kawża matul dik l-udjenza, billi tara xi provi oħra jkunu ġew preżentati jew x'xhieda oħra jkunu preżenti għas-smiegħ tal-kawża, tismagħhom, tanalizza mill-atti xi provi oħra jkunu ġew prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża, tisma' xi sottomissjonijiet li l-partijiet ikollhom u finalment tiddeċiedi jekk l-

imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in bażi għall-dawk il-provi u sottomissjonijiet li jkunu prodotti.

30. Biss il-Qorti tal-Maġistrati ma tistax tiddeċiedi li l-proċediment f'dak il-kuntest ikun jista' jitqies eżawrit għas-sempliċi fatt li xhud li ma jkunx ġie notifikat u ma jidherx għal dak is-smigħ; kif ukoll b'mod li l-anqas tiddeċiedi jekk ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. F'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet li tkompli bis-smiegħ tal-kawża, iżda mbagħad iddikjarat il-proċediment eżawrit mingħajr ma ddikjarat jekk kienetx qegħda ssib lill-imputat appellat ħati jew mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in bażi għall-provi li kienu jinstabu fl-atti tal-kawża.

31. B'hekk jiġi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset milli tiddeċiedi dwar il-meritu ta' dan il-każ u naqset ukoll milli tagħmel dikjarazzjoni ta' ħtija jew nuqqas ta' ħtija tal-appellat. Dan iwassal sabiex jitqies li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha tkun kisret jew li ma tkunx segwiet xi formalita li trid il-Liġi taħt piena ta' nullita jew li xort'oħra kienet sostanzjali.

32. Għaldaqstant din il-Qorti qegħda tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali fit-termini aktar il-fuq imsemmija u tannulla u tħassar is-sentenza appellata.

33. Inoltre, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tordna li l-każ jiġi trattat mill-ġdid fuq il-meritu tiegħu minn din l-istess Qorti sa minn qabel dak il-punt fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet li fin-nuqqas ta' notifika tax-xhud Ruth Vassallo tipproċedi bis-smigħ tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

34. Illi din il-Qorti rat li matul is-seduta tas-7 t'Ottubru 2019 il-Prosekuzzjoni preżentat żewġ referti negattivi tal-parte civile. Il-Prosekuzzjoni eżebiet l-affidavit ta' PC629 A Schembri li minn naħa tiegħu ħa l-kwerela ta' Ruth Vassallo fejn jidher li l-istess Vassallo kienet tagħatu l-verżjoni tal-fatti tagħha.

35. Dan l-affidavit kien jirrappreżenta l-unika evidenza li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ in kwantu l-kwerelanta Ruth Vassallo ma xehditx quddiemha u l-anqas ġiet eżebita xi evidenza dokumentarja biex issaħħaħ dak li l-kuntistabbli Schembri semma' li semgħaha tgħid fl-affidavit tiegħu.

36. Matul is-seduta tas-7 t'Ottubru 2020 il-Prosekuzzjoni ivverbalizzat li kienet qegħda toġġezzjona għat-talba tad-Difiża għall-liberatorja u talbet differiment. Ma ġiex speċifikat għall-liema raġuni kien qiegħed jintalab dan id-differiment. Żgur mill-verbal li din it-talba għad-differiment ġiet miċħuda mill-Qorti. Hawnhekk din il-Qorti tosserva li fil-verbal ma ġietx imsemmija r-raġuni għaliex il-Prosekuzzjoni għamlet it-talba għad-differiment tagħha. Issa dan jista' jkun jew għaliex il-Prosekuzzjoni ma semmitx din ir-raġuni jew jekk semmietha r-raġuni ma ġietx verbalizzata mill-adetti tal-Qorti.

37. Il-Prosekuzzjoni f'każijiet bħal dawn għandha tinsisti li r-raġuni għad-differiment tiġi verbalizzata b'mod ċar. F'każ bħal dan il-Prosekuzzjoni kellha tiġbed għall-attenzjoni tal-Qorti li kienet qed tirrikjedi x-xiehda tal-parte civile in kwantu kienet xhud dispensabbli

għaliha u titlob lil Qorti sabiex din tkun tista' tiġi mħarka għal seduta oħra.

38. Imbagħad in bażi għal dan il-verbal da parti tal-Prosekuzzjoni il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tkun f'qagħda li tevalwa jekk u kemm dik it-talba għal differiment f'dak il-kuntest ċirkostanzjali setgħetx kienet fondata minħabba li dik ir-raġuni jew kienetx talba fierħa jew ta' ħela ta' ħin.

39. F'dan il-każ, jirriżulta li d-deċizjoni tal-Qorti kienet li kellha tipproċedi bis-smigħ tal-kawża dakinhar stess, kif del resto kellha dritt li tagħmel.

40. Pero l-evidenza prodotta f'dan il-każ kienet tikkonsisti biss fl-affidavit tal-kuntistabbli 629 A Schembri li semgħa u rraporta fl-affidavit tiegħu dak li huwa kien semgħa lil Ruth Vassallo tgħidlu. Din għalhekk tibqa' fir-relm tad-*detto del detto* fejn l-istqarrija ġuramentata tiegħu tista' titqies bħala prova ta' dak li huwa semgħa lil Vassallo tgħidlu; iżda ma tistax titqies bħala prova tal-kontenut ta' dak li semgħa. Il-prova kienet tkun valida u sħiħa bix-xiehda bil-ġurament ta' Ruth Vassallo u d-dokumenti li setgħet tipproduċi bħad-digriet tal-Qorti oriġinali – kif imsemmi fit-taħrika tax-xiehda li ma tqasmet qatt. Biss din kif intqal aktar il-fuq ma xehditx f'dawk il-proċeduri fiċ-ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija.

## *Decide*

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali issib li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u b'hekk tiddikjara lil Simon VASSALLO mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***